# 31. L-Imtaħleb

Larinġ tal-bakkaljaw, żinżel u naspli,
u ġewż u lewż, berquq abjad, tuffieħ;
l-ilma minn Għar San Ġwann sa Miġra Ferħa,
arja taqsam il-qlub, u żahar fewwieħ...

Imtaħleb int sabiħ!, 'mma l-ġmiel ta' ġmielek
li lili għaxxaq ġewwa r-raba' tiegħek
kienet ix-xemx, ix-xemx li waqt inżulha
kienet minn ġol-punent ġo xirka miegħek.

Għax ix-xemx kienet mhux sultana kbira
fil-għoli tas-smewwiet u tgħammex wisq,
'mma ħliqa żgħira żgħira, ħamra u kiebja,
li stajt ngħidilha oħt bħal San Franġisk.

U qgħadt inħares ċass lejn ix-xemx nieżla,
u mingħajr kliem jien qgħadt nitkellem magħha,
qalbi ferħana daqs il-mewġ ta' taħtha,
mixgħula daqs il-wied bir-raġġi tagħha.

U meta Wied Għammieq kien ilu f'dalma*
jien u l-Imtaħleb konna nkellmu x-xemx.
Jien tlaqt, 'mma l-għada l-wied kien fl-istess xirka,
xirka ta' dawl u ferħ li ma tintemmx.

* *l-Imtaħleb huwa fil-punent u Wied Għammieq huwa fil-lvant tal-gżira ta' Malta.*